

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13325/25

LIMITE

ENER 468

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija fl-Ukrajna u fil-Moldova u l-importanza strateġika tal-integrazzjoni tagħhom fis-suq tal-enerġija tal-UE - Skambju ta' fehmiet

Bil-ksieb tal-Kunsill TTE (Enerġija) tal-20 ta' Ottubru 2025, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-nota ta' informazzjoni tal-Presidenza dwar is-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija fl-Ukrajna u l-Moldova u l-importanza strateġika tal-integrazzjoni tagħhom fis-suq tal-enerġija tal-UE.

Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija fl-Ukrajna u fil-Moldova u l-importanza strateġika tal-integrazzjoni tagħhom fis-suq tal-enerġija tal-UE

Prospettiva dwar is-sigurtà tal-enerġija fl-Ukrajna u l-Moldova

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna tkompli tħalli konsegwenzi devastanti għall-popolazzjoni, l-ekonomija u l-funzjonijiet soċjali tal-Ukrajna - partikolarment fis-settur tal-enerġija. Il-qerda mifruxa tal-infrastruttura tal-produzzjoni, il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, u d-distribuzzjoni, b'riżultat tal-attakki ripetuti u mmirati, ħolqot sfida urġenti kemm umanitarja kif ukoll teknika. Ħolqot ukoll ostaklu fit-tul għall-bini mill-ġdid ta' sistema sostenibbli u moderna tal-enerġija allinjata mas-swieq tal-UE, u mħejjija għall-integrazzjoni magħhom f'konformità mal-oġġettivi tal-Komunità tal-Enerġija.

Għall-Ukrajna, l-isfidi immedjati qabel ix-xitwa li ġejja huma partikolarment diffiċli. Il-faċilitajiet għall-ħżin tal-gass huma esposti għal riskji marbuta ma' aktar attakki, u ma' finanzjament, livelli tal-mili, u reżiljenza teknika, li għandhom bżonn assistenza biex tiġi stabbilizzata l-provvista domestika filwaqt li l-Ukrajna tkun tista' tikkontribwixxi għas-sistema Ewropea usa'. Fl-istess ħin, in-network sinkronizzat tal-elettriku tal-Ukrajna għadu qed jopera taħt theddid persistenti. It-tisħiħ tal-ġenerazzjoni deċentralizzata, l-aċċellerazzjoni tal-investimenti fl-enerġija rinnovabbli, fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u fil-ħżin, u l-iżgurar tal-infrastruttura kritika huma indispensabbli kemm għat-tħejjija immedjata għax-xitwa kif ukoll għall-proċess fit-tul tal-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-integrazzjoni fis-suq tal-UE. Barra minn hekk, il-prodotti taż-żejt importati mill-UE u l-ħażniet taż-żejt jaqdu rwol ewlieni għall-operazzjonijiet militari peress li l-unika raffinerija Ukrena nqerdet mir-Russja. Fl-aħħar nett, is-sitwazzjoni tas-sikurezza u tas-sigurtà nukleari tal-Ukrajna — fl-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Zaporizhzhia (ZNPP) u f'faċilitajiet nukleari oħra — għadha friskju kostanti minħabba l-attivitajiet militari tar-Russja u l-okkupazzjoni taż-ZNPP.

Il-Moldova, filwaqt li mhix qed tiffaċċa l-istess qerda diretta, ġiet affettwata serjament ukoll mill-konsegwenzi usa' tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Id-dipendenza storika tagħha fuq il-provvisti tal-gass Russi u l-importazzjoni tal-elettriku mir-reġjun Transnistrijan ħallew il-pajjiż vulnerabbli ħafna meta dawn il-provvisti ġew imfixkla, b'konsegwenzi soċjali u ekonomiċi gravi. Madankollu, minkejja dawn l-isfidi, il-Moldova ħadet passi importanti lejn reżiljenza akbar tal-enerġija u integrazzjoni fis-suq tal-enerġija tal-UE. Is-sinkronizzazzjoni tal-grilja tal-elettriku tagħha mas-sistema tal-enerġija tal-Ewropa Kontinentali, id-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass lil hinn mir-Russja, it-tisħiħ tal-interkonnessjonijiet, il-progress fir-riformi skont il-qafas tal-Komunità tal-Enerġija, u l-espansjoni tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli u t-tisħiħ tal-miżuri tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija diġà ġabu progress tanġibbli. L-għajnuna kontinwa tal-UE ser tkun kruċjali biex tinżamm l-istabbiltà, jiġi sostnuti r-riformi, u tiġi żgurata aktar konverġenza mas-suq tal-enerġija tal-UE. Fl-aħħar nett, il-ħażniet taż-żejt jistgħu jżidu r-reżiljenza tal-Moldova billi l-prodotti kollha taż-żejt huma impurtati.

L-importanza strateġika tal-integrazzjoni mal-UE fil-qasam tal-enerġija

L-approfondiment tal-integrazzjoni tal-Ukrajna u tal-Moldova fis-suq tal-enerġija tal-UE mhuwiex biss element vitali tal-perkors Ewropew usa' tagħhom, iżda wkoll kontribut strateġiku għas-sigurtà u r-reżiljenza kollettivi tal-enerġija tal-Ewropa. F'dan ir-rigward, l-enfasi hija fuq l-isforzi li għaddejjin taħt il-qafas tal-Komunità tal-Enerġija għall-integrazzjoni sħiħa taż-żewġ pajjiżi fis-suq tal-enerġija tal-UE sal-2027. Għalkemm din hija mira ambizzjuża, tista' tintlaħaq dment li l-Ukrajna u l-Moldova jittrasponu kompletament il-Pakkett dwar l-integrazzjoni tal-elettriku, u l-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE jsostnu l-impenn u l-appoġġ tagħhom.

Il-perkors lejn l-integrazzjoni fl-UE kemm għall-Ukrajna kif ukoll għall-Moldova huwa diffiċli, iżda diġà wrew kisbiet notevoli. F'Lulju 2025, il-Kummissjoni Ewropea wettqet l-iskrinjar tal-kapitoli dwar l-enerġija maż-żewġ gvernijiet bħala pass kruċjali fit-tħejjija tan-negożjati għall-adeżjoni. Filwaqt li l-proċess ta' adeżjoni huwa kompetenza tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali (KAĠ), l-isforzi tal-Ukrajna u l-Moldova biex jallinjaw ruħhom mal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-enerġija huma marbuta mill-qrib mal-ħidma usa' tagħhom dwar l-integrazzjoni fis-suq tal-enerġija tal-UE. Dan, min-naħa tiegħu, jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija — oqsma li fihom il-Kunsill tal-Enerġija jaqdi rwol ewlieni flimkien mal-isforzi li għaddejjin fil-Komunità tal-Enerġija.

Madankollu għad baqa' sfidi sinifikanti. Huwa għalhekk li l-assistenza politika, finanzjarja u teknika sostnuta ser tibqa' essenzjali — mhux biss biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet immedjati ta' żmien il-gwerra, iżda wkoll biex tippermetti r-rikostruzzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija reżiljenti, moderni u lesti għall-UE.

Il-Presidenza Daniża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tistieden lill-Kunsill tal-Enerġija jkollu diskussjoni strateġika dwar kif l-aħjar jiġu appoġġati s-setturi tal-enerġija tal-Ukrajna u tal-Moldova, kemm fuq terminu qasir kif ukoll għal aktar fit-tul. Dan jinkludi spazju mogħti lill-Ukrajna u lill-Moldova biex jindikaw ċerti sfidi speċifiċi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom u biex jidentifikaw il-passi konkreti li bihom l-UE tista' tagħti appoġġ effettiv. Il-bini ta' sistemi tal-enerġija reżiljenti u allinjati mal-UE fl-Ukrajna u fil-Moldova ser ikun deċiżiv għall-progress sinifikanti tagħhom lejn l-integrazzjoni. Fl-istess ħin, dawn l-isforzi ser isaħħu l-istabbiltà u s-sigurtà tas-sistema tal-enerġija Ewropea kollha kemm hi.

Mistoqsijiet ewlenin għad-diskussjoni

1. X'passi ulterjuri jistgħu jieħdu l-Ukrajna u l-Moldova biex jallinjaw is-setturi tal-enerġija tagħhom mar-regoli, l-istandards u l-prattiki tal-UE, u kif jistgħu l-Istati Membri tal-UE jappoġġaw bl-aħjar mod dawn l-isforzi - kemm biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet immedjati kif ukoll biex jissodisfaw il-bżonnijiet fit-tul għar-reżiljenza u s-sigurtà tal-enerġija, kif ukoll it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa?
2. B'liema modi jistgħu l-Ukrajna u l-Moldova jikkontribwixxu b'mod strateġiku għall-iżvilupp u r-reżiljenza tal-Unjoni tal-Enerġija tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni, u l-integrazzjoni tal-enerġija nadifa?